# Fond Ewropew Tas-Sajd

FOLJA TA' FATTI




Il-Fond Ewropew tas-Sajd (FES) beda jopera f'Jannar tal-2007. L-għan tiegħu huwa li jtejjeb il-kompetittività tas-settur u jgħinu jsir sostenibbli mil-lat ambjentali, ekonomiku u soċjali. Biex jikseb dan, huwa għandu baġit ta' 3.8 biljun Ewro (jew 4.3 biljun Ewro fi prezzijiet kurrenti) għall-perijodu ta' seba' snin mill-2007-2013. Fondi huma disponibbli għas-setturi kollha tal-industrija: sajd ġot-territorju intern u l-baħar, akkwakultura, u għall-ipproċessar u l-promozzjoni ta' prodotti tas-sajd. Attenzjoni partikolari tingħata lil komunitajiet ta' sajd l-iktar milquta minn bidliet riċenti.

L-FES huwa mfassal biex ikun sempliċi, f'dik li hija ġestjoni u implimentazzjoni, mill-predeċessur tiegħu, l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (IFGS). Minbarra li huwa aktar flessibbli, l-FES iħaddan diversi innovazzjonijiet. Dawn jinkludu assistenza lil sajjieda biex dawn joqorbu lejn metodi ta' sajd iktar selettivi, enfasi ikbar fuq sajd sostenibbli u miżuri ta' interess komuni – inkluż proġetti pilota, finanzjament għal strateġiji ta' żvilupp lokali u sostenn għal miżuri akkwa-ambjentali. Bħala parti mill-IFGS, l-ebda finanzjament mhu disponibbli għall-kostruzzjoni ta' dgħajjes ġodda jew għat-tkabbir tal-istivi tagħhom. B'rabta mal-fondi strutturali l-oħrajn tal-UE, il-finanzjament tal-UE ma jistax jintuża waħdu, imma biss biex jikkumplimenta n-nefqa nazzjonali, reġjonali jew lokali.

Novità oħra ulterjuri toħroġ mill-fatt li l-finanzjament issa huwa ingranat bis-saħħa kollha fuq ir-reġjuni "konverġenti", jiġifieri fuq dawk li l-ġid ekonomiku tagħhom huwa taħt il-medja tal-UE.

## Kif taħdem

L-awtoritajiet nazzjonali jfasslu pjan strateġiku li fih jagħtu ħarsu fit-tul lejn kif jaraw l-iżvilupp tal-politika tal-akkwakultura u tas-sajd tagħhom bejn l-2007 u l-2013, u jispjegaw kif dan jissodisfa l-miri tas-CFP. Il-pjan irid jiddefinixxi prijoritajiet, miri, stimi ta' nfiq pubbliku u dati għat-tlestija tax-xogħol. Dan wara jiġi segwit minn programm operattiv li jiddeskrivi f'iktar dettall il-mod li bih l-awtoritajiet nazzjonali beħsiebhom jittraduċu l-opportunitajiet offruti mill-FES fil-prattika. It-tnejn jitħejjew f'konsultazzjoni mill-qrib mal-imsieħba soċjali u ekonomiċi lokali u reġjonali.

## Opportunitajiet ta' finanzjament

Il-FES għandu fil-mira ħames oqsma ta' prijorità. Ħafna mill-attivitajiet tiegħu jibnu fuq il-prattiċi tal-IFGS, iżda xi wħud huma ġodda.

**Aġġustament tal-flotta (Assi 1)**
Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jaqta' l-opportunitajiet ta' sajd, jista' jkun hemm għajnuna disponibbli għal dgħajjes li jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom b'mod permanenti jew temporanjament. Tista' wkoll tingħata għajnuna għal firxa ta' operazzjonijiet oħra: sigurtà abbord u titjib fix-xogħol, tagħmir iktar selettiv, sajd kostali fuq skala żgħira, miżuri soċjoekonomiċi li jinkludu l-irtirar kmieni mix-xogħol, u t-taħriġ mill-ġdid.

Dgħajjes f'segmenti ta' flotot partikolari jistgħu jirċievu għajnuna biex ibiddlu l-magni tagħhom biex jagħmluhom iktar effiċjenti, iżda mhux iktar b'saħħithom.

**Akkwakultura, ipproċessar u promozzjoni, sajd ġot-territorju intern (Assi 2)**
Għajnuna hi disponibbli għad diversifikazzjoni fi speċi ġodda ta' akkwakultura u speċi bi prospetti tajba tas-suq, akkwakultura favur l-ambjent, miżuri favur is-saħħa pubblika u tal-annimali, ipproċessar u promozzjoni ta' prodotti tal-akkwakultura u tas-sajd, u t-tagħlim għall-ħajja.

Provvedimenti speċjali jeżistu għas-sajd ġot-territorju intern, b'xhieda tal-importanza tiegħu fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant.

**Miżuri ta' interess komuni (Assi 3)**
Dawn huma attivitajiet normalment mhux sostnuti mis-settur privat u li l-importanza globali tagħhom tmur lil hinn mill-interessi kummerċjali ta' kumpanniji individwali. Huma jistgħu jinkludu l-protezzjoni



© Lionel Flageul

u l-iżvilupp ta' fawna u flora akkwatika, portijiet, xelters u siti ta' żbark, l-iżvilupp ta' kampanji ġodda ta' promozzjoni u tas-suq, proġetti pilota u azzjonijiet oħra kollettivi.

**Żvilupp sostenibbli ta' żoni tas-sajd (Assi 4)**
Il-finanzjament f'din il-kategorija huwa ibbażat fuq strateġiji ta' żvilupp lokali, li jirriflettu metodu minn isfel għal fuq. Huwa għandu l-għan li jgħin komunitajiet lokali jnaqqsu d-dipendenza ekonomika tagħhom fuq il-qabdiet tal-ħut.

Komunitajiet kostali, u dawk qrib lagi u għadajjar b'livell sinifikanti ta' impjiegi fis-settur tas-sajd, huma eliġibli għal għajnuna tal-UE biex isaħħu l-kompetittività ġenerali tagħhom, iżidu l-valur tal-prodotti tas-sajd, jiżviluppaw infrastruttura turistika u servizzi, iħarsu l-ambjent, u jinkoraġġixxu koperazzjoni transnazzjonali u interreġjonali.

**Assistenza teknika (Assi 5)**
Din il-kategorija tkopri oġġetti bħal studji, rapporti, attivitajiet ta' informazzjoni u azzjonijiet oħra marbuta mal-implimentazzjoni tal-programmi operattivi.

## Qafas regolatorju

Hemm tliet elementi: regolazzjoni tal-Kunsill li tiffissa prinċipji bażiċi; Kummissjoni li timplimenta regolazzjoni li tiffissa proċeduri dettaljati li Stati Membri jridu jsegwu; u *vade mecum* ta' pariri prattiċi għall-awtoritajiet nazzjonali fuq kif ifasslu u jimplimentaw il-programmi tagħhom.

## Reġim ta' emerġenza

F'Lulju 2008, il-Kunsill adotta xi derogi temporanji għar-regoli tal-FSE, biex jagħmilha eħfef għal Stati Membri biex isegwu l-proċess ta' ristrutturar tal-flotta b'risposta għall-kriżi ekonomika serja li kienet qiegħda tħalli effetti devastanti fuq l-industrija. Dawn kienu jinkludu l-ħolqien ta' Skemi ta' Addattament tal-Flotta, li jipprovdu sostenn addizzjonali biex jinkoraġġixxu tnaqqis sostanzjali fil-kapaċità f'dawk is-segmenti tal-flotta li l-iktar li jikkunsmaw fjuwil. Dawn id-derogi jibqgħu validi għal sentejn, u se jkunu soġġetti għal valutazzjoni u verifikazzjoni kontinwa. Dettalji sħaħ jistgħu jinstabu fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 744/2008 tal-24 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi azzjoni temporanja speċifika maħsuba biex jitħeġġeġ ir-ristrutturar tal-flotot tas-sajd tal-Komunità Ewropea milqutin mill-kriżi ekonomika.

**Dokumenti**

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 tas-27 ta' Lulju 2006 dwar il-Fond Ewropew għas.

Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 498/2007 tas-26 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1198/2006 dwar il-Fond Ewropew għas-Sajd.

## Allokazzjoni ta' għajnuna FSE mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2013

| Stat Membru | Konverġenza | Nonkonverġenza | Total |
|---|---|---|---|
| Il-Belġju | | 26 261 648 | 26 261 648 |
| Il-Bulgarija | 80 009 708 | | 80 009 708 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 27 106 675 | | 27 106 675 |
| Id-Danimarka | | 133 675 169 | 133 675 169 |
| Il-Ġermanja | 96 861240 | 59 004 177 | 155 865 417 |
| L-Estonja | 84 568 039 | | 84 568 039 |
| L-Irlanda | | 42 266 603 | 42 266 603 |
| Il-Greċja | 176 836 728 | 30 995 509 | 207 832 237 |
| Spanja | 945 692 445 | 186 198 467 | 1 131 890 912 |
| Franza | 34 250 343 | 181 802 741 | 216 053 084 |
| L-Italja | 318 281 864 | 106 060 990 | 424 342 854 |
| Ċipru | | 19 724 418 | 19 724 418 |
| Il-Latvja | 125 015 563 | | 125 015 563 |
| Il-Litwanja | 54 713 408 | | 54 713 408 |
| L-Ungerija | 34 291 357 | 559 503 | 34 850 860 |
| Malta | 8 372 329 | | 8 372 329 |
| L-Olanda | | 48 578 417 | 48 578 417 |
| L-Awstrija | 187 326 | 5 071 992 | 5 259 318 |
| Il-Polonja | 734 092 574 | | 734 092 574 |
| Il-Portugall | 223 943 059 | 22 542 190 | 246 485 249 |
| Ir-Rumanija | 230 714 207 | | 230 714 207 |
| Is-Slovenja | 21 640 283 | | 21 640 283 |
| Is-Slovakja | 12 681 459 | 1 007 069 | 13 688 528 |
| Il-Finlandja | | 39 448 827 | 39 448 827 |
| L-Iżvezja | | 54 664 803 | 54 664 803 |
| Ir-Renju Unit | 43 150 701 | 94 677 188 | 137 827 889 |
| **Total** | **3 252 409 308** | **1 052 539 711** | **4 304 949 019** |

* Ammonti f'Ewro, prezzijiet attwali